III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/558/PESK

**tas-16 ta' Marzu 2009**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżrael**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fil-laqgħa tiegħu fit-18 ta' Frar 2008, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SĠ/RGħ) u bl-assoċjazzjoni sħiħa tal-Kummissjoni, biex tiftaħ negozjati mal-Istat tal-Iżrael skont l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea sabiex tikkonkludi Ftehim ta' sigurtà tal-informazzjoni.

(2) Wara din l-awtorizzazzjoni biex jinfetħu n-negozjati, il-Presidenza, assistita mis-SĠ/RGħ, innegozjat Ftehim dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżrael.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżrael huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna/i mogħtija s-setgħa biex tiffirma/jiffirmaw l-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. VONDRA